# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 19 ta' Jannar, 2017**

**Talba Nru: 591/2015 PM1**

**Aegis Corporate Services Limited**

**Vs**

**Vito de Natale u b'digriet moghti mit-Tribunal datat 6 ta' Gunju, 2016, Dr. Patrick Valentino LL.D. gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-istess Vito de Natale**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Lulju, elfejn u hmistax (2015) permezz ta' liema s-socjeta' attrici kkontendiet illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, hames mija u tnejn u sittin euro u hamsin centezmi (€1562.50) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lill-istess intimat mis-socjeta' attrici fir-rispett ta' zewg kumpaniji Arkilux Italia Limited u Arkilux Holding Limited liema prezz l-intimat naqas milli jhallas lis-socjeta' attrici minkejja diversi interpellazzjonijiet u diversi

weghdiet f'tali sens u liema ammont jirrizulta mill-fatturi 147/2014, 251/2014, 250/2014 u 146/2014 annessi mal-istess avviz (fol. 2-6).

Ra illi wara li r-referta ghan-notifika tal-intimat fl-Italja bl-avviz tat-talba gie lura bhala 'traslocato', is-socjeta' attrici permezz ta' rikors datat sebgha u ghoxrin (27) t'April, elfejn u sittax (2016) talbet il-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-istess intimat Vito di Natale fl-atti tar-rikors u kif ukoll fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Ra illi permezz ta' digriet datat sbatax (17) ta' Mejju, elfejn u sittax (2016) dan it-Tribunal kif diversament presjedut laqa' t-talba surreferita kif mitluba u ghadda l-atta lir-Registratur tat-Tribunali Civili sabiex jiehu l-proceduri kollha necessarji hekk kif mitluba fir-rikors.

Ra illi ulterjorment permezz ta' digriet datat sitta (6) ta' Gunju, elfejn u sittax (2016) dan it-Tribunal kif diversament presjedut innomina lil Dr. Patrick Valentino bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti intimat u dan kemm fl-atti tat-talba u kif ukoll fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Ra illi Dr. Patrick Valentino bhala kuratur deputat gie debitament notifikat bil-nandu fl-ewwel (1) ta' Lulju, elfejn u sittax (2016).

Ra n-nota datata erbatax (14) ta' Novembru, elfejn u sittax (2016) a fol. 44 tal-process permezz ta' liema gew ezebiti kopji tal-invoices bin-numri 174/2014, 251/2014, 250/2014 u 146/2014.

Ra l-affidavit ta' Dr. Malcolm Mifsud prezentat waqt is-seduta tal-hamsa (5) ta' Dicembru, elfejn u sittax (2016) u li f'tali seduta filwaqt li Dr. Gianluca Cappitta ghas-socjeta' attrici ddikjara li m'ghandux aktar provi x'jipproduci, Dr. Patrick Valentino bhala kuratur deputat msejjah diversi drabi ma deherx.

Ra illi fl-istess data l-kawza giet differita ghat-tlettax (13) ta' Jannar, elfejn u sbatax (2017) ghall-provi intimati.

Ra illi Dr. Patrick Valentino bhala kuratur deputat gie notifikat bl-istess verbal fl-erbgha (4) ta’ Jannar, elfejn u sbatax (2017).

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza fis-seduta tat-tlettax (13) ta’ Jannar, elfejn u sbatax (2017).

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-intimat kif debitament rapprezentat mill-kuratur deputat naqas milli jressaq ir-risposta tieghu u kwindi ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Illi minkejja li gie notifikat kemm bil-bandu (tergo fol. 27) kif ukoll bil-verbal li bih il-kawza giet differita ghall-provi tieghu (tergo fol. 51) l-intimat u l-kuratur deputat naqsu milli jattendu ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal u lanqas ma tressqet ebda kontestazzjoni ghall-istess talba.

Illi t-talba odjerna tirrizulta konfermata tramite l-affidavit ta’ Dr. Malcolm Mifsud u l-ammont mitlub jirrizulta mill-fatturi annessi a fol. 2-6.

Illi ghaldaqstant it-talba tisthoqq li tkun emmnuta u tigi akkolta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ elf, hames mija u tnejn u sittin euro u hamsin centezmi (€1562.50) rapprezentanti l-prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-istess intimat bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**